KAMRA TAD-DEPUTATI

MALTA

HOUSE OF REPRESENTATIVES

Lil
Awditur Ġenerali
National Audit Office
Notre Dame Ravelin
Floriana FRN 1600

Illum, 19 ta' Awwissu 2014

Sur Awditur Ġenerali,

Numru ta' rapporti fil-media lokali, b'mod speċjali fil-*Maltatoday*, fl-aħħar xhur żvelaw kif il-Gvern, proprju ftit wara l-elezzjoni ġenerali tal-2013, ħallas €4.2 miljun biex xtara u akkwista lura l-*utile dominium* tal-enfitewsi li hu stess kien ikkonċeda fl-1998 lil Cities Entertainment Ltd għall-*Cafe Premier* fil-Belt Valletta.

Ġie stabbilit ukoll li l-Gvern preżenti, eżatt wara l-elezzjoni fl-2013, waqqaf il-proċeduri fil-Qorti li l-Gvern preċedenti kien fetaħ fl-2012 kontra din il-kumpanija Cities Entertainment Ltd għal ħlas ta' arretrati ta' ċnus lid-Dipartiment tal-Artijiet, li l-ammont tiegħu kien ta' aktar minn €300,000.

Minbarra dan, hu issa fatt magħruf li mill-€4.2 miljun li din il-kumpanija rċeviet mingħand il-Gvern, biex il-Gvern ħa lura dak li hu tiegħu, kien hemm mijiet kbar ta' eluf ta' ewro li l-kumpanija, li kienet debitriċi u moruża fil-pagamenti, kellha tħallas lil diversi Dipartimenti tal-Gvern, fosthom f'taxxi u kontijiet mhux imħallsa minnha stess. Biss biss, din il-kumpanija kellha djun ta' €131,000 mal-ARMS, €192,748 f'arretrati ta' taxxi u sigurtà soċjali, u aktar minn €227,000 dovuti lid-Dipartiment tal-VAT.

Kieku l-Gvern ġenwinament ried jakkwista dan il-fond immobbli fil-Belta Valletta, seta' faċilment għamel kawża fil-Qorti għar-rexissjoni tal-kuntratt enfitewtiku u jħalli għaddejjin il-proċeduri diġa' mibdija għal ħlas ta' arretrati dovuti. B'hekk, il-Gvern kien jiffranka €4.2 miljun lill-erarju pubbliku.

Aħna hawn taħt iffirmati għan-nom tal-Oppożizzjoni, għalhekk, nitolbuk tinvestiga bis-sħiħ il-fatti relatati ma' dan il-ħlas ta' €4.2 miljun mill-Gvern lill-kumpanija privata li kienet diġà debitriċi tiegħu f'ammonti kbar ta' flus, u tiġġudika jekk :

a) dan l-aġir jammontax għal *value for money* ta' flus il-poplu;
b) jekk il-prinċipji ta' *good governance* u trasparenza ġewx segwiti;
c) il-ħlas li seta' sar fil-mori tal-akkwist ta' dan iċ-ċens temporanju kienx etiku;
d) f'din il-kwistjoni, ġewx segwiti l-proċeduri finanzjarji tal-Gvern;
e) il-proċedura eżata mill-Gvern hijiex diskriminatorja u tistax tesponi l-erarju pubbliku għal talbiet simili fil-futur, peress li issa inkwilini u/jew enfitwenti ta' proprjetà pubblika li jkunu morużi fil-ħlas dovut lill-Gvern u lill-kredituri kummerċjali oħra, jistennew li l-Gvern isalvahom b'*bail out* kif effettivament ġara f'dan il-każ.

Nitolbuk ukoll tistabilixxi min kienu l-intermedjarji kollha li intervjenew, direttament jew indirettament, bejn il-Gvern u l-kumpanija Cities Entertainment Ltd., kif ukoll sabiex tippreżenta kronoloġija dettaljata tal-fatti relatati u in kwistjoni, tippreżenta d-dokumenti kollha li wasslu għal din id-deċiżjoni tal-Gvern u biex tindika min eżattament kien responsabbli biex ittieħdet id-deċiżjoni, u meta, li l-Gvern jixtru lura għal €4.2 miljun l-enfitewsi temporanju ta' kumpanija li kienet debitriċi f'ammonti hekk kbar ta' flus kemm mal-Gvern kif ukoll ma' terzi.

Insellu għalik,

**On. Jason Azzopardi**

**On. Tonio Fenech** **On. Claudio Grech** **On. Kristy Debono**